# IL-BIEB U L-MUFTIEĦ TAL-BAŻILKA TAL-QABAR TA' KRISTU

Il-ġewwieni tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu huwa ta' l-Insara, imma l-bieb ta' barra u l-muftieħ tal-Bażilika huma ħwejjeġ il-Misilmin. Il-muftieħ ta' familja, u l-bieb ta' familja oħra. U biex tinfetaħ il-Bażilika, l-Insara jridu jħallsu l-flus. U jridu jiġu żewġ Misilmin, wieħed minn kull familja li għedna fuq. Infissru ftit dil-biċċa kif inhi.

Il-jedd tal-Misilmin, fuq il-bieb u l-muftieħ tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, sa fejn hu magħruf s'issa, inbeda fis-sena 1212. F'din is-sena s-Sultan ta' l-Eġittu, Melek il-Għâdel-Safar-id-Din, li kellu ħafna nisa, u ma għandniex xi ngħidu, ħafna wlied, lil uliedu ried kollha jħallihom għonja. Għalhekk, lill-kbar tahom raba' u bini u lit-tnejn iż-żgħar, li ma kellux x'jagħtihom aktar, ħallielhom, lil wieħed il-bieb tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, u lill-ieħor il-muftieħ ta' dan il-bieb. Biex kull meta jkunu jridu jidħlu l-Insara, iġiegħluhom iħallsu l-flus u jistagħnew minn hekk. Dan kif ħalla miktub wieħed Nisrani ta' dak iż-żmien, Giacomo de Vitry, li kien ħa sehem fil-Ħames Gwerra tas-Salibin.

Din hija l-ewwel tagħrifa li għadha miktuba fuq din il-ħaġa. Imbagħad hemm tagħrifa oħra li sa ngħidu hawn. Fis-sena 1244 daħlu l-Palestina l-Karismin u qatlu kemm Insara laħqu u għamlu ħsara kemm setgħu lill-knejjes, u lill-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu wkoll. Billi l-Insara ta' l-Ewropa fuq dan gemgmu ħafna għas-sultan ta' l-Eġittu, Għejjub, għax dan kien ħabib mas-slaten Insara, dana sentejn wara, jiġifieri fis-sena 1246, bagħat jistaħfer mal-Papa Innoċenzju IV u qallu li f'dak li ġara ma kellux ħtija, għax hu ma kienx jaf x'inhu jsir. U li issa kien sewwa l-ħsara li kienu għamlu l-Karismin fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u kien ħalla l-imfietaħ f'idejn żewġ familji Misilmin biex jiftħu l-Bażilika kull darba li jmorru jżuruha l-Insara. Hekk dan il-jedd baqa' nieżel min-nisel għal nisel ta' dawn iż-żewġ familji u għadu sejjer sal-lum. Familja għandha l-jedd li żżomm il-muftieħ u familja li tiftaħ il-bieb.

Ma hux magħruf kemm kien iħallas kull bniedem li kienu jiftħulu l-bieb biex jidħol iżur il-Qabar ta' Kristu. Aktarx li mhux kulħadd kien iħallas xorta waħda. Imma jidher li l-ħlas kien kbir ġmielu, għax ħtija tiegħu ġie li l-Papiet megħu, jiġifieri *ipprojbew* dawn iż-żjarat, biex l-Insara ma jagħnux lill-Misilmin. Wieħed kittieb ta' dak iż-żmien, Fra Fidenzju ta' Pàdova, ħalla miktub dan il-kliem: "Quilibet Christianus, vir sive mulier, pro persona sua, circa XXXVI vel XL Turonenses grossos argenteos solvit". Li jfisser li kienu jħallsu qishom tmenin skud tad-deheb għal kull ras.

Dawn il-flus kienu jitħallsu fuq bank tal-ħaġar, barra, bejn iż-żewġ bibien tal-Bażilika. U dal-bank kien jgħatti l-qabar tal-Kavalier Ingliż Filippu de Aubigny li kien mgħallem tar-Re Henry III ta' l-Ingilterra, fi tfulitu. Meta r-Re kiber, il-Kavalier mar il-Palestina ma' l-Imperatur tal-Ġermanja, Federik II, u baqa' hemm sakemm miet. Ried jindifen bejn iż-żewġ bibien biex in-nies jgħaddu minn fuqu bħala tewba ta' dnubietu. Dan il-qabar ftit snin ilu fetħuh u raw il-għadam, u neħħew ftit trab u baxxew il-ħaġra li tgħattih u għamlu grâda tal-



**FAĊĊATA TAL-BAŻILKA TAL-QABAR TA' KRISTU.**
**(Fl-art, bejn iż-żewġ bibien jidher il-qabar tal-Kavalier Ingliż Philip de Aubigny)**

ħadid fuqu biex il-kitba ma titħassarx. Il-kitba hija din: *Philippus de Aubigny, cujus anima Requiescat in Pace.*

Il-ħlas fuq kull ras baqa' jitħallas sas-sena 1831 u qatgħu Ibrahim Bâxa. Sa dak iż-żmien il-Bażilika kienet tinfetaħ fil-festi kbar biss u l-għejjieda, u kull bniedem kien jeħtieġ li jħallas biex jidħol fiha. Ir-Rħieb tal-Qabar ta' Kristu, għal dan, kienu qishom qegħdin ġewwa ħabs, magħluqa dejjem ġewwa l-Bażilika. L-ikel kienu jibgħatuhulhom ġewwa qoffa, li mbagħad itellgħuha minn ġewwa tieqa fil-għoli u jdaħħluha ġewwa. Il-kelb tal-ħadid fejn kienu jorbtu l-ħabel, għadu hemm.

Minn dak iż-żmien 'il hawn, il-Bażilika, meta tinfetaħ, jidħol fiha kull min irid, imma r-rħieb li jiftħuha jridu jħallsu. Għall-ftuħ ta' bieba waħda, iħallsu tmint igrux (kull girx jagħmel ħames soldi u nofs) u għall-ftuħ

ta' żewġ bibien, sittax-il girx. Il-bieb jinfetaħ fl-4 ta' fil-għodu u jingħalaq fil-11.30. Jerġa' jinfetaħ fin-nofs siegħa u jingħalaq ma' għibien ix-xemx. Imbagħad iż-żewġ Misilmin jieħdu l-muftieħ magħhom u jmorru d-dar.

Fis-Sibtijiet kollha tar-Ramdan, il-Bażilika jiftħuha wkoll f'xi l-11 ta' bil-lejl, meta r-Rħieb Franġiskani mid-Dejr ta' San Salvatur jinżlu l-Qabar ta' Kristu biex ikantaw l-Uffizzju hemm u jagħmlu purċissjoni ma' dwar il-Qabar Imqaddes, f'nofs il-lejl.

Iċ-''ċerimonja'' tal-ftuħ tal-bieb hi din: wieħed mir-Rħieb li jkunu jridu jiftħu, iħabbat fuq twejqa baxxa li hemm fil-bieb innifsu. Jiġi s-sagristan Grieg li għandu muftieħ il-bwejba u jiftaħha. Jgħajjat lill-bewwieba Misilmin u jotorġilhom mit-twejqa s-sellum meħtieġ (għax il-qofol jinsab fil-għoli). Imbagħad min jiftaħ, jiġbed ħabel u jindaqqu ħafna ġnieġel li jkunu marbuta miegħu. Ir-Rħieb l-oħrajn jagħmlu hekk ukoll: idoqqu l-ġnieġel tagħhom. Wara dan il-Misilmin, minn barra, jiftħu l-bieb.

Meta l-bieb ikun miftuħ, dejjem ikun hemm xi ħadd mill-Misilmin għassa tiegħu. Fix-xellug, wara l-bieb fil-Bażilika hemm rokna miksija bl-għewied u mifruxa bit-twapet, li l-Misilmin joqogħdu fiha. Fix-xitwa r-Rħieb iġibulhom ukoll kenun bin-nar biex jissaħħnu bih.

BEN JEĦUŻA.

*Tagħrifa. — Fil-faċċata ta' barra hemm miktub li l-muftieħ taħ lil Misilmin Sâleħ id-Din. Dan qalu x-Xiħ Ħalil (missier dak li jidher fir-ritratt) lil min kiteb dil-kitba, meta kien Ġerusalem.*

# IR-RE HUSEJN I TAL-ĠORDANJA

Ftit żmien ilu fil-gazzetti ma konniex għajr naqraw aħbarijiet fuq l-art tal-Ġordanja u fuq ir-Re tagħha, iż-żagħżugħ Husejn I iben Talâl, li għiejed iżomm jiebes biex f'pajjiżu ma jidħolx il-Komuniżmu. Billi fejn jinsabu l-aqwa fost l-Imkejjen Imqaddsa, bħal Ġerusalem u Betlehem il-lum jagħmlu mal-Ġordanja, u hekk Husejn jaħkem ukoll fuq dawn l-ibliet, sa ngħidu xi ħaġa fuqu, biex il-qarrejja tagħna jsiru jafuh.

Husejn I għadu żgħir, għax għadu kemm għalaq it-22 sena. Meta kien tfal, tgħallem fil-Kulleġġ tal-Misilmin ta' Għammân, il-belt il-kbira tal-Ġordanja, u mbagħad f'kulleġġ ieħor fl-Eġittu. Wara, mar għamel sena tagħlim f'Harrow u sitt xhur f'Sandhurst, fl-Ingilterra. Aktarx ftit wisq għal wieħed li wara laħaq Re.

* * *

Il-Ġordanja għamluha nazjon l-Ingliżi, fis-sena 1921, jiġifieri ftit wara l-gwerra l-oħra. Dak iż-żmien kien fiha nies 200,000 biss (jiġifieri, anqas ħafna minn Malta, għax Malta dak iż-żmien kien fiha nies 216,614; għad li l-kobor tagħha hu 37,110 mil imrabba' u ta' Malta 95).

L-ewwel Re tagħha kien Għabd-Allaħ, li fil-bidu kienu jgħidulu Emir, imbagħad wara laħaq Re. Għabd-Allaħ kellu żewġ subjien, imma donnha li qalbu kienet taħbru li warajh ma kellux jilħaq Re wieħed minnhom. Għal hekk kull fejn imur kien jieħu miegħu u jħarreġ lil iben ibnu l-kbir, it-tifel Husejn, mhux lil wieħed minn uliedu. Fis-sajf tas-sena 1951, ir-Re Għabd-Allaħ mar Ġerusalem u ħa miegħu lil Husejn, bħal ma dari, li kien